# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

**Karta ta' l-Għalliema**
**Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**
**Riżorsi:**

**1.** Test li jinqara
**2.** Karta tal-mistoqsijiet
**3.** Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• se tinqralhom l-istorja ***SERQA MILL-BANKA TAL-LOTTU***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • se jinqralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IS-SITT SENA | MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

## SERQA MILL-BANKA TAL-LOTTU

***L-ewwel parti***

1. Kien is-Sibt filgħodu, l-ewwel ta' Diċembru, il-jum li jitla' l-lottu. Il-banka tal-lottu bin-numru mija u ħamsin li hemm fi Triq l-Iskola, Ħal Tarxien kienet mimlija bin-nies. Dak in-nhar kulħadd kien fuq ix-xwiek biex jittanta xortih peress li s-somma tar-rebħ kienet rekord. Forsi ma tafx kif, ix-xorti fl-aħħar tidħkilhom!

2. F'daqqa waħda, hekk kif mill-arloġġ tal-knisja nstemgħu t-tokki jdoqqu nofsinhar, waqaf mutur quddiem il-banka tal-lottu. Minn fuq il-mutur niżel raġel liebes kalzetta tan-nisa biex in-nies ma jagħrfuhx. F'idu kellu senter. Dan talab il-flus lil sid il-banka, fost il-biża' u t-twerżiq tan-nies li kien hemm fil-banka.

3. Il-persuna l-oħra fuq il-mutur, li mid-dehra kienet mara, kellha wiċċha mgħotti wkoll u ħalliet il-mutur startjat biex tistenna lir-raġel joħroġ mill-banka.

***It-tieni parti***

4. Sid il-banka m'offriex reżistenza. Xtaq li kieku jiddefendi ruħu, imma ma riedx li jweġġgħu xi nies li kien hemm fil-banka. Għalhekk qabad il-flus li kien daħħal sa dak il-ħin u tefa' l-flus f'basket iswed kbir li kien tah il-ħalliel.

5. F'kemm tgħid Amen, il-ħalliel qabad il-basket li newwillu sid il-banka, rikeb il-mutur u telqu minn fuq il-post. B'xorti tajba kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid għax ma weġġa' ħadd, għalkemm kulħadd kellu xokk kbir.

6. Filgħaxija fuq it-televixin smajna li l-pulizija qed iżommu xi nies għal xi investigazzjoni u li kienu se jtellgħuhom il-qorti l-ġimgħa ta' wara. Il-ħallelin kienu nsew jgħattu n-numru tal-mutur u xi ħadd li kien għaddej ħadilhom in-numru u rrapportahom lill-pulizija!

# EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA PRIMARJA 2008

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

**Isem u Kunjom:** ______________________________________

**Klassi:** ___________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)

**Total: 15-il marka**

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

*L-ewwel parti*

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Is-serqa saret | is-Sibt.<br>il-Ħadd.<br>it-Tnejn.<br>it-Tlieta. |
| 2. | In-numru tal-banka tal-lottu kien | għaxra.<br>ħamsin.<br>mija.<br>mija u ħamsin. |
| 3. | Il-banka qiegħda fi Triq | il-Ġojjin.<br>l-Assedju.<br>l-Iskola.<br>Ħal Tarxien. |
| 4. | L-arloġġ tal-knisja daqq | l-għaxra.<br>il-ħdax.<br>nofsinhar.<br>is-siegħa. |
| 5. | Għas-serqa l-ħallelin użaw | karozza.<br>mutur.<br>vann abjad.<br>trakk kbir. |
| 6. | F'idejh il-ħalliel kellu | sikkina.<br>pistola.<br>senter.<br>mus kbir. |
| 7. | Il-persuna fuq il-mutur kellha | senter ukoll.<br>xokk fuqha.<br>wiċċha mgħotti.<br>għoxrin sena. |

***It-tieni parti***

8. Sid il-banka tah il-flus għax
- beża' minnu.
- ma riedx li jweġġa' xi ħadd.
- kellu xokk kbir.
- ħassu ħażin.

9. Il-ħalliel ġarr il-flus kollha
- f'basket iswed kbir.
- f'bagalja sewda.
- fi xkora bajda tad-dqiq.
- f'kaxxa tal-kartun.

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***Kulħadd kien fuq ix-xwiek*** tfisser li
- kulħadd beda jibża'.
- kulħadd kien taħt xokk kbir.
- kulħadd ried jirbaħ.
- kulħadd kien ħerqan.

11. ***F'kemm tgħid Amen*** tfisser
- malajr ħafna.
- wara l-kju.
- titkellem tgħajjat.
- titlob bil-ġabra.

12. K***ollox spiċċa b'wiċċ il-ġid*** tfisser li
- ma tantx kellu flus.
- kellu flus kemm jgħaddi.
- ma nqala' xejn gravi.
- kellu ħafna flus.

# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IS-SITT SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: siegħa u nofs |
|---|---|---|

Isem ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



## *Aqra sew din is-silta.*

### *Xandrina x-Xadina*

Xandrina kienet xadina fuq tagħha. Tħares fil-mera għal darba, tnejn, tlieta u dejjem tħossha mdejqa. *(par. 1)*



Darba waħda, f'għodwa tar-Rebbiegħa, hekk kif rat wiċċha fil-mera għajtet b'rabja, "Uff, kif xbajt!" Issummat. Reġgħet ħarset lejn il-mera u qaltilha, "Jgħidu li int u mara timxu id f'id. Bilfors li mara isbaħ minn xadina." Tbiegħdet ftit minn dik il-ħġieġa u tenniet, "Qatt ma qalu li l-mera ħabiba ta' xadina." *(par. 2)*

Filgħaxija Xandrina rħitilha lejn il-bosk. Fit-tarf tiegħu kienet tgħix oħt ommha. Kienet Salvina. Din kellha s-seħer. Fil-ġungla kienet magħrufa bħala s-saħħara. Imma Xandrina xejn ma basret b'dan. *(par. 3)*

Kif semgħet it-talba ta' Xandrina, is-saħħara Salvina wieġbet fid-daqqa u l-ħin, "Issa ngħinek jien!" *(par. 4)*

Salvina qabdet borma kbira u bdiet tixħet fiha xi zunnarijiet, xi ħaxixiet, koxxa ta' tiġieġa tarija u għarrqet kollox fl-ilma frisk li ġabret minn ħoġor il-muntanja. Poġġiet il-borma fuq in-nar imkebbes bil-ħatab tal-ħarrub u kif din bdiet tbaqbaq, tfawwar u tfewwaħ, imtela kullimkien bil-fwar. F'dak il-waqt Salvina qalet il-kliem maġiku, "Xandrina, Xandrina tkun is-sbejħa bambina!" *(par. 5)*



F'ħakka t'għajn, għal dak il-kliem, ħadem is-seħer. Seħħet il-bidla. U hekk dik il-bambina ħadet il-ħlewwa taz-zokkor fiz-zunnarijiet, il-freskezza tal-ħaxixiet, il-karnaġġjon bajdan mil-laħam tat-tiġieġa u l-innoċenza mill-ilma safi tal-muntanji. *(par. 6)*

*Silta meħuda minn kitba ta' Carmel Tabone*

*A. Issa aqra, ifhem u wieġeb b'**sentenzi sħaħ**.*
*Tagħmilx żbalji fil-kitba.* ***(13-il marka)***

1. Iddeskrivi lil Xandrina x-xadina. ________________________________

________________________________ (1)

2. Għaliex kienet tħossha mdejqa kull darba li tħares lejn il-mera? __________

________________________________ (1)

3. X'kien jisimha z-zija ta' Xandrina? ________________________________

________________________________ (1)

4. Sib żewġ aġġettivi minn paragrafu 5 li jiddeskrivu: (a) lit-tiġieġa (b) l-ilma.

________________________________ (1)

5. Fejn kienet tgħix is-saħħara? ________________________________

________________________________ (1)

6. X'użat Salvina s-saħħara biex tkebbes in-nar? ________________________

________________________________ (1)

7. X'ġara hekk kif is-saħħara lissnet il-kliem maġiku? __________________

________________________________ (1)

8. Kif tiddeskrivi din it-tip ta' kitba: *vera*, *immaġinarja* jew *xjentifika*?

________________________________ (1)

9. Mis-silta sib l-espressjonijiet jew kliem li jfissru dawn:

(a) imqarba *(par. 1)*________________________________ (1)

(b) bla ma qalet kelma oħra *(par. 2)*________________________________ (1)

(ċ) pront pront *(par. 4 )*________________________________ (1)

(d) il-kulur tal-ġilda *(par. 6)* ________________________________ (1)

10. Kif taħseb li nbidlet ħajjet Xandrina wara li seħħet dik il-bidla?

________________________________

________________________________ (1)

**B. *Wara li qrajt is-silta, agħti t-tifsira t-tajba.*** **(8 marki)**

1. Fin-nom wiċċ**ha** *(par. 2)*, il-pronom mehmuż
   ***ha*** qed jirreferi għal __________________.
2. Bilfors li mara **isbaħ** minn xadina *(par. 2)*.
   **isbaħ** hija l-komparattiv ta' l-aġġettiv __________________.
3. Tbiegħdet ftit minn dik il-**ħġieġa** *(par. 2)*.
   Il-kelma **ħġieġa** qiegħda tirreferi għall- __________________.
4. Kelma oħra minflok **oħt ommha** *(par. 3)* hija ________________.
5. **Wieġbet** *(par. 4)* huwa verb fil-passat.
   Agħti kelma oħra għall-kelma: **passat** ________________.
6. Il-mamma tal-verb **qabdet** *(par. 5)* hija ________________.
7. Sinonimu tal-verb **seħħet** *(par. 6)* huwa l-verb ________________.
8. Ikteb il-kelma **tiġieġa** *(par. 6)* fil-plural: ________________.

**Ċ. *Aqta' sing taħt il-kelma li ma taqbilx ma' l-oħrajn.***
***L-ewwel waħda lesta.*** **(7 marki)**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | xadina | <u>raġel</u> | papra | ħmara | ħamiema |
| 2. | Xandrina | Ċettina | Ġorġina | Rex | Ċensina |
| 3. | għajnejn | sieq | dirgħajn | difrejn | widnejn |
| 4. | ħarrub | ġebla | ħaxix | siġar | kliem |
| 5. | Rebbiegħa | Sajf | Ħarifa | Xitwa | Frar |
| 6. | kaxkar | seraq | tilef | rabat | feraħ |
| 7. | naqbad | jaħdmu | tikser | xgħelt | jifhem |
| 8. | l-ewwel | ħamsa | għaxra | erbgħin | mija |

*D. Ara l-Għerq li hemm fil-parentesi.*
*Oħroġ l-Imperattiv minnu.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(5 marki)***

1. "***<u>Itlaq</u>*** ***(T – L – Q)*** issa għax dalwaqt tasal tal-linja," qal Reuben lil sieħbu.
2. " ______________ ***(Ħ – S – L)*** il-platti," ordna l-missier lil ibnu.
3. " ______________ ***(F – T – Ħ)*** t-twieqi għall-arja," ordnat l-omm lil uliedha.
4. " ______________ ***(L – GĦ – B)*** flimkien u ċedu," qalet l-għalliema.
5. " ______________ ***(B – Q – GĦ)*** sejra hekk," qalet it-tabiba lill-pazjenta.
6. " ______________ ***(GĦ – L – Q)*** il-bieb Mark għax jidħol xi ġurdien," werżqet Marija.



*E. Imla l-vojt kif meħtieġ.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(10 marki)***

Ilbieraħ Pawlu mar il-Belt **<u>mal-</u>** **(ma' + il-)** ħbieb. Qabdu x-xarabank _________ **(minn + is-)** Saqqajja u minkejja t-traffiku, waslu _________ **(fi + il-)** ħin. Ħbiebhom _________ **(minn + in-)** Naxxar, iżda waslu xi ftit tard minħabba inċident tat-traffiku. Karozza żgħira li kienet ġejja _________ **(minn + il-)** lemin tagħhom skiddjat. Minnufih ġew xi pulizija _________ **(minn + id-)** depow tal-pulizija u xi pulizija oħra _________ **(minn + l-)** għassa _________ **(ta' + il-)** Mosta. Dawn għaddew il-karozza _________ **(minn + it-)** toroq sekondarji. Ambulanza ħadet _________ **(lil + il-)** midrubin l-isptar u _________ **(għal + il-)** ewwel il-midruba kienu fil-periklu tal-mewt.



*F. Daħħal kliem li juru **aktar** (il-komparattiv).*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(6 marki)***

Missieri kien ilu jgħid li jrid jixtri karrozza **isbaħ** (**sabiħa**) milli kellu. Ġimgħa ilu qata' xewqtu għax xtara waħda __________________ (**kbira**) u lussuża. Ommi ma qablitx mad-deċiżjoni li ħa u qaltlu, "Stajt sibt waħda ___________________ (**żgħira**) u __________________ (**rħisa**) u mhux xtrajt waħda ______________________ (**għolja**)."



Għal dan il-kliem, missieri pront weġibha, "Veru li ħallast aktar, imma hija ______________________ (**ekonomika**) u _____________________ (**komda**) mill-oħra."

*Ġ. Daħħal il-kelma li hemm bżonn fil-vojt.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(8 marki)***

1. Inħobb l-għaġin, imma ma **nħobbx** (preżent negattiv mill-verb **ħabb**) il-ħelu.
2. L-imħallef ma ______________ (passat negattiv mill-verb **sab**) lil Toni ħati.
3. Jekk aħna ma ______________ (preżent negattiv mill-verb **qara**), ikollna nuqqas ta' tagħlim.
4. Minkejja li l-bidwi m' ______________ (passat negattiv mill-verb **għalaq**) ix-xatba tar-razzett, l-annimali ma ______________ (passat negattiv mill-verb **ħarab**).
5. L-ilma ma ______________ (passat negattiv mill-verb **kaxkar**) kollox.
6. Għalkemm il-gowler ma ______________ (preżent negattiv mill-verb **laqa'**), il-kowċ xorta jagħżlu għal-logħob.
7. Il-ġriewi ma ______________ (preżent negattiv mill-verb **fieq**) jekk ma ______________ (preżent negattiv mill-verb **kiel**).

*G.* *Aqra sewwa.*

*Ara x'hemm fil-parentesi.*

*Sib it-tweġiba t-tajba.*

***Wara imla l-vojt.*** ***(8 marki)***

Minn ____________ (*agħti l-plural ta'* ***żmien***) imbiegħda, l-Imdina kienet il-belt ewlenija ____________ (*agħżel waħda minn dawn:* ***ta, ta', taha***) Malta.

Fi żmien il-qedem, l-Imdina kienet ____________ (*agħti l-komparattiv ta'* ***kbira***) milli hija llum. Fil-fatt, partijiet ____________ (*għaqqad flimkien* ***minn+ ir-***) Rabat kienu jagħmlu ma' din il-belt.
Imma fis-sena ____________________________ (*ikteb is-sena* ***870*** *fi kliem*) W.K., ċekknuha biex ______________ (*kelma waħda minflok* ***jiddefendu lilha***) aħjar.

Snin wara, is- ____________ (*agħti l-plural ta'* ***sultan***) Aragoniżi waqqfu l-*Consiglio Popolare*, li kien magħmul minn rappreżentanti fosthom qassisin, nobbli, nies tas- ____________ (*agħti l-plural ta'* ***sengħa***), negozjanti u kbarat oħra. Dawn in-nies kienu jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet tal-poplu Malti, fosthom li l-affarijiet ta' l-ikel jaslu minn barra.



*GĦ. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar **wieħed** minn dawn is-suġġetti:* ***(25 marka)***

1. **Rigali li qlajt dan l-aħħar**

   *Għid x'kienet l-okkażjoni, min tahulek. Hawnhekk inti tista' tagħti deskrizzjoni ta' dan ir-rigal u tirrakonta x'għamilt bih.*

2. **Żewġt iħbieb li għandek**

   *Ikteb dwar dawn iż-żewġt iħbieb. Għid għaliex huma speċjali, kif inhuma differenti minn xulxin bħal fil-karattru, kif jidhru u l-passatempi tagħhom.*

3. **Kompli l-istorja li tibda b'dan il-kliem**

   *Hekk kif konna sejrin lura lejn id-dar mill-iskola…*

4. **Mixja fil-kampanja**

   *Għid x'ġara waqt li int u sħabek mortu mixja fil-kampanja. Tista' ssemmi t-tħejjijiet, il-mixja fejn mortu u x'għamiltu.*

5. **Għajnuna f'waqtha**

   *Irrakkonta storja ta' mara li, wara li xtrat xi rigali tal-Milied, tilfet iċ-ċwievet u sabuhom żewġ żgħażagħ li kienu għaddejjin bir-rota.*

*Tmiem il-Karta*